# LECTIO DIVINA

# IL-V ĦADD MATUL IS-SENA (B)

**Mk 1, 29-39**

**[Mk:1:29] Ħarġu mis-sinagoga u baqa' sejjer ma' Ġakbu u Ġwanni għand Xmun u Indrì. [Mk:1:30] Issa omm il-mara ta' Xmun kienet fis-sodda bid-deni, u malajr qalulu biha. [Mk:1:31] Resaq lejha, qabadha minn idha u qajjimha. U d-deni ħallieha, u bdiet isservihom.**

B'mod naturali wara t-tmiem tat-talb fis-sinagoga, għal ħabta tal-11am, Ġesu' flimkien mad-dixxipli jmur id-dar ta' Pietru u Indri, fejn forsi diġa' kien joqgħod. Jekk le kien normali li jiġi mistieden xi ħabib għall-ikel u titkompla d-diskussjoni fuq il-Kelma mħabbra. Id-dixxipli huma preżentati dejjem ma' Ġesu'; dawk magħżula biex qabel xejn "jibqgħu miegħu" (Mk 3,14).

Omm il-mara ta' Xmun kienet marida. Mara u marida. Diġa bħala mara hi ta' ftit rilevanza soċjali. Issa tinsab fis-sodda u għalhekk inattiva u impura minħabba l-mard. Barra minn hekk ninsabu f'jum is-Sibt, li fih ma setgħux jiġu miżjura morda u mfejjqa.

Imma 'malajr jgħidulu biha'. Spiss f'Mk niltaqgħu ma' dan il-moviment: persuni li jieħdu oħrajn – anke fiżikament – għand Ġesu' (1,32; 2,3; 7,32; 8,22), barra talba frekwenti tan-nies għall-fejqan u l-ħelsien. U Ġesu' jiltaqa' mal-marid. Kemm hu ta' fejda li l-mard tagħna, id-diffikulta', id-dgħuija, in-nuqqas ta' milja, il-vojt jitqies bħala l-premessa għal-laqgħa ma' Alla; il-limitu uman bħala l-ispazju fejn jaħdem Alla; id-delużjonijiet bħala l-post tal-ħlewwa tiegħU. Mhiex it-tjubija tagħna li tiġbed lil Ġesu', imma l-bżonn. U ma' San Ġirolmu ngħidu: "O! Mhux li kien jiġi f'darna... kollha kemm aħna bid-deni".

Ġesu' jaqbadha minn ida (sinonimu ta' xogħol u attivita'), imissha u jqajjimha (ἤγειρεν) li jfisser tqajjem jew tagħti mill-ġdid is-saħħa. F'Mk dan il-verb hu karatteristiku tal-esperjenza tal-fejqan u fil-kitbiet anteċedenti għalih huwa sinonimu tal-qawmien ta' Ġesu' (1Kor 15,4; Gal 1,1; Rum 4,24).

Hu qed jieħu fuqu l-impurita’ tagħha. Il-ġid tal-persuna jiġi qabel kull preskrizzjoni, anke divina. U d-deni ħalliha u bħala riżultat tal-fejqan taqdihom (καὶ διηκόνει αὐτοῖς). L-ideal Grieg tal-bniedem bħala ħakkiem hu maqlub ta’ taħt fuq minn Ġesu’ (Mk 10,45). Anzi l-umanita’ hi mfejjqa meta sservi. Fi kliem ieħor nistgħu ngħidu li hu tassew marid min ma jaqdix, min ma jarax il-ħajja bħala it-triq biex tagħmel it-tajjeb. Ftit qabel f’Mk niltaqgħu mal-anġli li jservu lil Ġesu’ (Mk 1,13). Issa mara, permezz tal-qadi, hijamqabbla ma’ dawk meqjusa l-aktar qrib ta’ Alla. U quddiem Kristu Msallab fl-aħħar tal-Vanġelu ser niltaqgħu ma’ diversi nisa li meta “Ġesù kien fil-Galilija, kienu jmorru miegħu u jaqduh”.

Id-dar ta’ Pietru, immaġni tal-Knisja, kontinwament trid tgħix din l-esperjenza tal-fejqan.

**[Mk:1:32] Fil-għaxija, mbagħad, fi nżul ix-xemx, ħadulu quddiemu lil dawk kollha li kienu morda jew li kienu maħkuma mix-xitan. [Mk:1:33] U quddiem il-bieb inġabret il-belt bi ħġarha. [Mk:1:34] U fejjaq ħafna morda minn kull xorta ta' mard, u ħareġ għadd kbir ta' xjaten li hu ma kienx iħallihom jitkellmu, għax huma kienu jafu min kien.**

Meta spiċċa jum is-Sibt u n-nies tista’ ġġorr lill-morda tagħha niltaqgħu mill-ġdid mal-‘ġarr’ tal-persuni biex jiġu mlaqqa’ ma’ Ġesu’. Kulħadd jinsab quddiem il-bieb tal-bitħa ta’ Pietru u Ġesu’ jieħu ħsieb kulħadd. Quddiem il-qarrej tiġi preżentata l-immaġni ta’ Knisja maħnuqa bil-foqra u ta’ Knisja miġbuda lejhom. U Ġesu’ fejjaq minn kull xorta ta’ mard u ħeles mix-xjaten. Dawn iż-żewġ elementi jidħlu ħafna f’xulxin għax it-tnejn meqjusa bħala qawwa barranija li taħkem lill-bniedem: “Fil-għaxija mbagħad ġibulu quddiemu bosta li kienu maħkuma mix-xitan, u bil-kelma tiegħu keċċa l-ispirti, u fejjaq il-morda kollha”(Mt 8,16). L-intervent ta’ Alla mwiegħed mill-profeti qed iseħħ f’Ġesu’: “Imma għalikom li tibżgħu minn Ismi titla' x-xemx tal-ġustizzja, bis-salvazzjoni (fejqan) fuq ġwenħajha; u intom toħorġu taqbżu qiskom għoġiela tal-mandra” (Mal 3,20) u “infejjaqhom ilkoll” (Iż 57,14-19).

**[Mk:1:35] L-għada fil-għodu kmieni, qabel ma żernaq, qam, ħareġ u mar f'post imwarrab u qagħad hemm jitlob. [Mk:1:36] Xmun u sħabu l-oħrajn marru jfittxuh. [Mk:1:37] Kif sabuh, qalulu: "Kulħadd jistaqsi għalik." [Mk:1:38] U qalilhom: "Ejjew immorru band'oħra, fl-irħula tal-qrib, ħalli nippriedka hemmhekk ukoll, għax għalhekk ħriġt." [Mk:1:39] U dar il-Galilija kollha, jippriedka fis-sinagogi tagħhom u joħroġ ix-xjaten.**

Dan hu l-ewwel mument minn tlieta f'Mk fejn insibu lil Ġesu' jitlob, jew jippersevera fit-talb (προσηύχετο). L-evanġelista, kważi b'mod ridondanti, jikteb li Ġesu' "qam, ħareġ u mar", azzjonijet li jenfasizzaw l-għażla tiegħU. Ġesu' jagħmel parti mit-tradizzjoni Lhudija li titlob filgħodu kmieni (Salm 5,4; 119,147 "Sa minn qabel is-sebħ nitlob l-għajnuna; u fi kliemek jien nittama."). Probabli li din l-għażla ta' Ġesu' tirrifletti dak li spiss diġa' kienmdorri jagħmel.

Hu jagħżel mhux biss il-lejl imma wkoll il-post imwarrab, evokat mid-deżert, il-post tal-laqgħa ma' Alla bħal fil-każ ta' Mose u Elija. Hawn Ġesu' hu waħdu mal-Missier.

Ġesu' jitlob f'mumenti partikolari, għaliH u għad-dixxipli tiegħu, mumenti ta' tentazzjoni jew ta' pass ġdid li jrid jagħmel. Ġesu' jitlob wara t-tkattir tal-ħobż filwaqt li d-dixxipli qegħdin jissieltu mal-baħar imqalleb (6,46) u mbagħad fil-Ġnien taż-Żebbuġ (14,32s.). F'mumenti oħra jitkellem fuq it-talb: ""Spirtu bħal dak," qalilhom, "ma jista' jitkeċċa b'xejn ħlief bit-talb."" (Mk 9,29); "Għalhekk ngħidilkom: kull ma titolbu fit-talb tagħkom, emmnu li tkunu ġa qlajtuh, u jingħatalkom. U meta tkunu weqfin titolbu, jekk ikollkom xi ħaġa kontra xi ħadd, aħfru, biex ukoll Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom (Mk11,24-25)"; "u lil tal-bieb jordnalu biex jibqa' jishar" (13,34).

Pietru u sħabu marru jfittxuh, jew aħjar jiġru warajh biex jaqbduh (κατεδίωξεν), għalhekk f'sens negattiv bħalma jagħmel il-Fargħun f'Eż 14,4s u l-għedewwa tal-innoċenti fis-Salmi. It-tfittxija f'Mk xi drabi tista' tkun pożittiva bħal forsi fil-każ ta' Ġajru (5,23) u tan-nisa filgħodu f'jum il-Qawmien (16,5) imma spiss hi negattiva, bħax-xewqa li jaqbduh, li jwaqqfuh, jew saħansitra jeliminawh, ibda mill-familja tiegħu (3,21). Minn dan il-mument Ġesu' jibda ma jiġix mifhum minn dawk l-eqreb lejh; familja u dixxipli. F'dan il-każ it-tentazzjoni tinsab fuq fomm Pietru: "kulħadd jistaqsi għalik", 'sirt importanti', 'urejt x'issarraf', 'ġibt fix-xejn lil kulħadd'. Imma Ġesu' jaħrab minn din it-tentazzjoni. Ma jiġix maqbud minn sitwazzjoni komda imma jmur kullimkien. Il-missjoni hija dejjem sejħa sabiex nitilqu comfort zones li maż-żmien iwasslu biex nikkankraw u sejħa biex naslu għand kulħadd. Din il-qabża fil-dlam u l-ġdid issir għax ċerti li qegħdin f'idejn Alla, grazzi wkoll għall-esperjenza fit-talb. Infatti mentri kulħadd ifittxu Ġesu' jinsab jitlob.

Pt qed ifittxu hawn. Aktar 'l quddiem, wara l-qawmien, se jsibu meta jarah il-Galilija. Pt qed ibati biex iħaddan il-mixja ta' Ġesu'. Issa din il-mixja ssib is-sens kollu tagħha: "Imma hu qalilhom: "Xejn la tinħasdu. Qegħdin tfittxu lil Ġesù ta' Nazaret li kien imsallab; qam mill-mewt, m'huwiex hawn.

Araw il-post fejn kienu qegħduh. Imma morru għidu lid-dixxipli tiegħu, u lil Pietru, li hu sejjer fil-Galilija qabilkom; tarawh hemmhekk, kif kien qalilkom."" (16,6-7).